

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pécsi Törvényszék (l-Ungerija) fil-25 ta' Novembru 2020 – Tolnatext Bt. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

(Kawża C-636/20)

(2021/C 62/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Pécsi Törvényszék.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Tolnatext Bt.

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 22(6) u 29 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-proċeduri mwettqa mill-awtorità doganali, li taġixxi bħala awtorità mhux ġudizzjarja, din l-awtorità għandha tiggarrantixxi d-dritt għal smiġh kemm fil-każ tal-proċeduri mibdija *ex officio* kif ukoll f'dawk mibdija fuq talba?

⁽¹⁾ ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifikati fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Westminster Magistrates' Court (Ir-Renju Unit) fl-1 ta' Diċembru 2020 – Svishtov Regional Prosecutor's Office vs PI

(Kawża C-648/20)

(2021/C 62/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Westminster Magistrates' Court

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Svishtov Regional Prosecutor's Office

Konvenut: PI

Domanda preliminari

Meta tintalab il-konsenja ta' persuna rikjesta għall-finijiet tal-prosekuzzjoni tagħha, u meta d-deċiżjoni biex jinħareġ mandat ta' arrest nazzjonali u d-deċiżjoni biex jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew ikunu t-tnejn li huma ttieħdu minn prosekutur pubbliku, mingħajr ebda involviment ta' qorti qabel il-konsenja, persuna rikjesta tgawdi mil-livell doppju ta' protezzjoni stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi ⁽¹⁾ jekk:

- l-effett tal-mandat ta' arrest nazzjonali jkun limitat għad-detenzjoni tal-individwu għal massimu ta' 72 siegħa għall-finijiet li jitressaq quddiem qorti; u
- meta ssir il-konsenja, hija biss il-qorti li għandha tiddeċiedi l-ħelsien jew iż-żamma taħt detenzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ?

⁽¹⁾ C-241/15, EU:C:2016:385.